V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10456 — Sky/ViacomCBS/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 446/07)

1. Fil-25 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sky Limited ("Sky", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Comcast Corporation (l-Istati Uniti tal-Amerka);

— ViacomCBS Inc. ("ViacomCBS", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn National Amusements Inc. (l-Istati Uniti tal-Amerka); kif ukoll

— l-impriża bi sħab (joint venture, "JV", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Sky u ViacomCBS jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV li għadha kemm twaqqfet. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Sky: kumpanija azzjonista li s-sussidjarji tagħha jwettqu negozju tul il-katina tal-valur AV, l-aktar fir-Renju Unit, l-Irlanda, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Italja. Sky hija finalment proprjetà ta' Comcast Corporation ("Comcast"), kumpanija globali tal-media, it-teknoloġija u d-divertiment. Comcast hija preżenti fl-Ewropa kważi kompletament permezz ta' Sky u NBCUniversal ("NBCU"), kumpanija tal-media u tad-divertiment attiva fis-settur AV kif ukoll fis-settur tad-divertiment fid-dar permezz tad-distribuzzjoni direttament lill-konsumaturi ta' DVDs, Blu-rays u diski tal-mużika,

— ViacomCBS: kumpanija globali tal-media u d-divertiment li toħloq kontenut u esperjenzi primjum għall-udjenzi madwar id-dinja. Il-portafoll ta' ViacomCBs bħalissa huwa maqsum fi tliet segmenti: Divertiment tat-TV, Networks tal-Cable, u Divertiment tal-Films. ViacomCBS hija kkontrollata minn National Amusements Inc., u

— il-JV: impriża bi sħab li għadha kif twaqqfet bil-għan li (i) tistabbilixxi u tħaddem servizz ta' streaming b'talba ta' abbonament li tqassam direttament lill-konsumaturi bħala servizz over-the-top (jiġifieri, imwassal permezz tal-internet) u permezz ta' pjattaformi ta' terzi persuni u apparat konness li jinkludi kontenut AV kif ukoll (ii) bejgħ bl-ingrossa ta' xi wħud mill-istazzjonijiet televiżivi bi ħlas lineari ta' ViacomCBs u NBCU permezz ta' distributuri ta' programmi vidjo multikanali ta' terzi persuni fi 22 pajjiż Ewropew, inklużi l-pajjiżi li ġejjin fiż-ŻEE: il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Ungerija, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10456 — Sky/ViacomCBS/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË